MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## NEVILLE CAMILLERI

Seduta tat-30 ta' April, 2015

Numru 396/2015

**Il-Pulizija**
**(Spettur Kylie Borg)**

**vs.**

**Riccardo Lanzon**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat **Riccardo Lanzon**, ta' wiehed u tletin (31) sena, iben Charles Paul u Annette xebba Casha, imwieled Pietà nhar is-26 ta' Frar 1983, residenti Crescent Blk. B, Flat 4, Triq Annetto Caruana, San Pawl il-Bahar, u detentur tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 142483(M)

akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer nhar id-29 ta' April 2015, u fil-granet ta' qabel f'dawn il-Gzejjer b'diversi atti maghmulin minnu, ukoll jekk fi zminijiet differenti li jkunu jiksru l-istess dispozizzjoni tal-ligi u jkunu gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda:

1. ikkommetta serq ta' oggetti ta valur li jeccedi €2329.37, liema serq huwa aggravat bil-valur u bil-persuna, ghad-dannu ta' Charles u Paul Polidano u/jew Polidano Brothers Ltd u/jew Monte Kristo Estates Ltd.;

2. xjentament laqa' ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat jew xjentament b'kull mod li jkun, indahal biex ibieghhom jew imexxihom.

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti processwali kollha.

Semghet, waqt is-seduta tallum, lill-imputat jammetti l-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu u semghetu jikkonferma l-ammissjoni tieghu anke wara li l-Qorti taghtu zmien jikkunsidra l-pozizzjoni tieghu.

Semghet, waqt is-seduta tallum, lill-konsulent legali tal-parti leza jiddikjara li l-oggetti kollha mertu ta' dawn il-proceduri gew ritornati lura lill-istess parti leza ghajr ghal zewg *amplifiers* li gie dikjarat li l-valur taghhom jammonta ghal tmien mitt Euro (€800.00). Semghet ukoll lid-difiza ma tikkontestax dan l-ammont.

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

**Ikkunsidrat**

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu u dawn ghalhekk huma sodisfacentement pruvati.

Illi, meta tigi biex tikkunsidra l-piena li ghandha tigi nflitta fil-konfront tal-imputat, il-Qorti ser tiehu in kunsiderazzjoni diversi fatturi, fosthom: in-natura tar-reati addebitati fil-konfront tal-imputat, l-ammissjoni bikrija tieghu, il-fedina penali (Dok. "KB 1" – *a fol.* 6) tieghu (li hija wahda kompletament nadifa) u kif ukoll dak li gie dikjarat rigward l-oggetti mertu ta' dawn il-proceduri u li z-zewg *amplifiers* li ma gewx ritornati ghandhom il-valur ta' tmien mitt Euro (€800.00). Tenut kont ta' dan kollu, il-Qorti hija tal-fehma li ma ghandhiex tikkundanna lill-imputat ghall-perjodu ta' prigunerija effettiv pero ghal perjodu ta' prigunerija li jkun sospiz bil-ghan li l-imputat jifhem li dak li ghamel huwa hazin u jaghraf ma jergax jirrepetih.

Ghaldaqstant, il-Qorti, wara li rat Artikoli 18, 261(c), 261(d), 267, 268(d) u 334 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputat Riccardo Lanzon hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront tieghu u tikkundannah ghall-perjodu ta' sentejn prigunerija li b'applikazzjoni ta' l-Artikolu 28A tal-istess Kapitolu 9 qed jigu sospizi ghal perjodu ta' erba' (4) snin u b'applikazzjoni ta' l-Artikolu 28H tal-istess Kapitolu 9, il-Qorti tordna lill-imputat biex fi zmien xahrejn ihallas lill-parti leza s-somma ta' tmien mitt Euro (€800.00).

Il-Qorti spjegat lill-imputat fi kliem ordinarju l-import ta' din is-sentenza u x'jigri jekk jikkommetti reat iehor fi zmien li l-perjodu ta'

priguneriја gie sospiz jew jekk ma jhallasx l-ammont ta’ €800 fiz-zmien lilu moghti.

Finalment, il-Qorti tordna li *ai termini* ta’ l-Artikolu 392A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta l-atti kollha ta’ dawn il-proceduri u kopja ta’ din is-sentenza jintbaghtu lill-Avukat Generali fiz-zmien moghti mil-Ligi.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------